# ID-DAWL LI GHANDU JMEXXINA LEJN IL-VERU DAWL

Xi snin ilu, Ralph, kien eccitat hafna ghax mar joqghod f'dar gdida f'inhawi godda mal-familja tieghu. Ralph stqarr ma' shabu li kien zejjen id-dar gdida tieghu b'hafna bozzoz tal-Milied . "Marti dejjem thobb izzejjen id-dar wara l-Jum tar-Ringrazzjament, ghax tghid dak hu meta jibda' verament l-istagun tal-Milied."

Ralph dejjem kien jaghmel affarijiet b'mod kbir. Kien igib mhux biss doughnuts filghodu kultant bhala trattament ghall-shabu l-impjegati ta' l-ufficcju, izda wkoll kien joffrilhom diversi affarijiet ohra ta' l-ikel.

U shabu dejjem kienu ikunu jafu meta Ralph jidhol fil-kamra: dejjem jaghti tislima qawwija, dejjem juri tbissima sinciera, dejjem b'xi cajta jew kelma gentili dwar gheluq snin ta' xi hadd.

Meta xi jumejn fuq il-Jum tar-Ringrazzjament dahal l-ufficcju, kien kwiet hafna. Addio t-tbisima tas-soltu u t-tislima ferrihija ta' kuljum, deher kwiet hafna u fejn is-soltu jidhol kmieni, din id-darba gie tard.

"Kif gew id-dekorazzjonijiet tieghek ghal dan Il-Milied?" staqsieh Chris.

Ralph hares lejh u wiegbu, "Ma jidhrux li gew koroh. Qablu hafna ma' l-ambjent. Pero' meta l-bierah wasalt id-dar hrigt is-

sellun, qabel ma raxxax id-dlam biex intemm l-ahhar tizjin tal-Milied. Id-dawl madwar it-twieqi u tul il-linja tal-bejt. Meta temmejt ix-xoghol li kelli naghmel, xeghelt id-dawl mort quddiem id-dar biex nara x-xoghol finali kif kien jidher. Kollox kien jidher perfett, qisha dar imzejna go Las Vegas.”

“Ma hadtilhiex xi ritratt biex kont turihulna, Ralph,” staqsieh Chris.

“Le ghax dak il-hin grat xi haga li qatt ma kont nistenna. F'inqas minn minuta, wiehed mill-girien godda tieghi hareg mid-dar tieghu, tbissem, hadli b’idejja, introduca ruhu, u fahhar ix-xoghol tieghi. F'daqqa wahda girien iehor mid-dar li jmiss ma tieghi nghaqad maghna, u hu wkoll hadli b’idejja, wera’ li gejt accettat f’dawk l-inhawi, u wkoll ferahli ghax-xoghol sabieh li ghamilt.'"

Ralph qaghad jirrakkonta l-istorja tieghu b'sens ta' karattru kwiet.

"Chris, fi zmien hames minuti kien hemm tliet girien ohra minn tliet djar differenti, u ma setghux ikunu aktar gentili, wrew li riedu jkun hbieb tieghi. Kulhadd kien impressjonat bl-ispettaklu tal-Milied tieghi, u mbaghad staqsejt, 'Meta tarmaw d-dwal tal-Milied taghkom?'"

"Chris, kulhadd tbissem, u wiehed minnhom tani taptipa  fuq dahri u qalli, 'Ralph, ahna lkoll Lhud f'din it-triq, u principalment f'din il-parti tal-belt. Int l-ewwel wiehed li armajt bid-dwal tal-

Milied din it-triq. U kun af li ahna tghogobna t-triq imzjena u nhobbuh it-tizjin tal-Milied."

"Wiehed minhom," qal Ralph, "stieden lil marti u lili ghall-ikla tal-gimgha d-diehla. Iehor qal li jixtieq jistiedenna fid-dar tieghu meta l-familja tieghu tixghel il-menorah taghhom, f'wahda mill-granet tul iz-zmien ta' tmint ijiem li fihom jinxetghel il-memorah.."

Ralph hares lejn Chris u shabu li kienu daru mieghu jisimghuh jirrakonta. "Hadt idejn il-girien il-godda tieghi u, irringrazzjathom ghall-gentilezza taghhom, u meta dhalt id-dar, ghedt lil marti dwar kemm ghamluni nhossni milqugh fil-kommunita' taghhom minkejja li huma Lhud, u kemm id-dwal tal-Milied taghna hadu gost bih. Pero' huma Ilkoll kellhom il-menorah. Marti qaltli immedjatament, 'Dwal tal-Milied, il-menorah... L-istess dawl, Ralph. L-istess dawl li jmexxi lil kull wiehed u wahda minna lejn il-Hallieq tieghu.'"